



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

13 ta' Ottubru 2022\*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Artikolu 3(1) u Artikolu 8 – Kriterji ta’ evalwazzjoni tan-natura inġusta ta’ klawżola kuntrattwali – Żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt – Rekwiżit ta’ *bona fide* tal-bejjiegħ jew tal-fornitur – Possibbiltà li jiġi ggarantit livell ta’ protezzjoni oħla minn dak previst mid-Direttiva”

Fil-Kawża C-405/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Više sodišče v Mariboru (il-Qorti tal-Appell ta’ Maribor, is-Slovenja), permezz ta’ deċiżjoni tat-8 ta’ Ġunju 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta’ Ġunju 2021, fil-proċedura

**FV**

vs

**NOVA KREDITNA BANKA MARIBOR d.d.,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn M. Ilešić li qed jaġixxi fil-funzjoni ta’ President tal-Awla, I. Jarukaitis u Z. Csehi (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Pitruzzella,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal FV, minn R. Preininger, odvetnik,
- għall-Gvern Sloven, minn B. Jovin Hrastnik, bħala aġent,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn B. Rous Demiri u N. Ruiz García, bħala aġenti,

\* Lingwa tal-kawża: Is-Sloven.

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġeneral, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1) kif ukoll tal-Artikoli 8 u 8a tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288), kif emendata bid-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU 2011, L 304, p. 64) (iktar 'il quddiem id-“Direttiva 93/13”).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, FV, konsumatriċi, u, min-naħħa l-oħra, NOVA KREDITNA BANKA MARIBOR d.d., stabbiliment bankarju rregolat mid-dritt Sloven, dwar kuntratt ta' kreditu u atti legali relatati ma' dan il-kuntratt.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

- 3 It-tanax u t-tlettax-il premessa tad-Direttiva 93/13 huma fformulati kif ġej:

“[...] kif inhuma bħalissa, il-liġijiet nazzjonali jippermettu li tiġi kkunsidrata biss armonizzazzjoni parpjali; billi b'mod partikolari, din id-Direttiva tkopri biss klawżoli kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment; billi l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla b'konsiderazzjoni xierqa tat-Trattat, li joffru lill-konsumaturi livell ogħla ta' protezzjoni permezz ta' disposizzjonijiet nazzjonali li jkunu aktar stretti minn dawk ta' din id-Direttiva;

[...]

Billi l-istima, skond il-kriterji ġenerali magħżula, tal-karatru inġust ta' klawżoli, b'mod partikolari fil-bejgħ jew f'attivitàjet ta' provvista ta' natura pubblika li jipprovdu servizzi kollettivi li jqisu s-solidarjetà fost l-utenti, għandha tiġi supplimentata billi ssir valutazzjoni globali tad-diversi interassi involuti; billi din tikkostitwixxi l-ħtieġa ta' buona fede; billi, waqt li tkun qed issir stima ta' buona fede, għandha titqies b'mod partikolari s-sahħha tal-posizzjonijiet tal-ftehim tal-partijiet, kemm jekk il-konsumatur kelli xi jħajru biex jaqbel mal-klawżola kif ukoll jekk il-merkanzija jew is-servizzi nbiegħu jew ġew ipprovduti bl-ordni speċjali tal-konsumatur; billi l-ħtieġa ta' buona fede tista' tkun sodisfatta mill-bejjiegħ jew mill-fornitur meta dan jittratta b'mod ġust u ekwu mal-parti l-ħatra li huwa għandu jikkunsidra l-interassi leġittimi tagħha.”

- 4 L-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jipprevedi:

“Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' buona fede, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligli tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur.”

5 L-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

“Fil-każ ta’ kuntratti fejn ċerti klawżoli jew il-klawżoli kollha offruti lill-konsumatur ikunu bil-miktub, dawn il-klawżoli għandhom ikunu abbozzati b’lingwaġġ semplice u ċar. Fejn ikun hemm dubju dwar it-tifsir ta’ klawżola, għandha tirbaħ l-interpretazzjoni l-aktar favorevoli għall-konsumatur. [...]”

6 L-Artikolu 8 tal-istess direttiva jipprovdi:

“L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu l-aktar disposizzjonijiet stretti kompatibbli mat-Trattat fil-qasam kopert minn din id-Direttiva, biex jiżguraw grad massimu ta’ protezzjoni għall-konsumatur.”

7 L-Artikolu 8a tad-Direttiva 93/13 jipprovdi fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

“1. Meta Stat Membru jadotta dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 8, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b’dan, kif ukoll bi kwalunkwe modifika sussegwenti, b’mod partikolari fejn dawk id-dispożizzjonijiet:

- jestendu l-valutazzjoni tal-karattru ingħust għat-termini kuntrattwali negozjati individwalment jew għall-adegwatezza tal-prezz jew ir-remunerazzjoni; jew
  - ikun fihom listi ta’ termini tal-kuntratt li għandhom jitqiesu bħala ingħusti.
2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tkun faċilment aċċessibbli għall-konsumaturi u l-kummerċjanti, fost affarijiet oħra fuq sit-elettroniku apposta.”

### ***Id-dritt Sloven***

8 L-Artikolu 24 taż-Zakon o varstu potrošnikov (il-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Konsumaturi) (Uradni list RS, Nru 98/04, verżjoni kkonsolidata, iktar ’il quddiem iż-“ZVPot”) jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“1. Klawżoli kuntrattwali għandhom jitqiesu li huma ingħusti jekk:

- dawn joħolqu, għad-detriment tal-konsumatur, żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligli tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt, jew
- dawn jagħmlu l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta’ detriment indebitu għall-konsumatur, jew
- dawn jagħmlu l-eżekuzzjoni tal-kuntratt differenti b’mod ċar minn dak li l-konsumatur seta’ legittimamente jistenna, jew
- jiksru l-prinċipju ta’ *bona fide* u ta’ lealtà.”

### **Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

9 Fid-19 ta’ Settembru 2007, NOVA KREDITNA BANKA MARIBOR u l-omm ta’ FV ikkonkludew kuntratt ta’ kreditu. Peress li din tal-aħħar mietet, FV intrabtet, fil-21 ta’ Lulju 2014, bis-saħħha ta’ kuntratt ta’ adeżżjoni tad-dejn, li tħallas il-bilanċ li kien għad fadal mill-kuntratt ta’ kreditu

lill-konvenuta fil-kawża prinċipali. Permezz ta' dan il-kuntratt tal-aħħar, id-debitriċi sslefet ammont ta' 149 220 franki Svizzeri (CHF) (madwar EUR 89 568 fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu), li kellu jiġi rrimborsat f'terminu ta' 240 xahar.

- 10 L-imsemmi kuntratt ta' kreditu ma jinkludix dispożizzjonijiet fir-rigward tar-rata tal-kambju applikabbi. Għall-kuntrarju, skont l-Artikolu 12 ta' dan il-kuntratt, ir-riskju tar-rata tal-kambju huwa assunt kompletament mid-debitriċi.
- 11 Il-qorti tar-rinviju tindika li, f'dan il-każ, ir-riskju tar-rata tal-kambju mmaterjalizza, peress li d-debitriċi kien għad trid tirrimborsa lill-konvenuta fil-kawża prinċipali, fid-29 ta' Jannar 2018, l-ammont ta' EUR 72 049.58.
- 12 Fid-9 ta' April 2018, FV ippreżentat rikors quddiem l-Okrožno sodišče v Mariboru (il-Qorti Reġjonali ta' Maribor, is-Slovenja) intiż sabiex tiġi kkonstatata b'mod partikolari n-nullità tal-kuntratt ta' kreditu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, billi invokat il-bdil tar-rata tal-kambju bejn l-euro u l-frank Svizzeru. Wara ċ-ċaħda ta' dan ir-rikors minn din il-qorti, FV ippreżentat appell quddiem il-Višje sodišče v Mariboru (il-Qorti tal-Appell ta' Maribor, is-Slovenja), il-qorti tar-rinviju.
- 13 Skont din il-qorti, ir-riżoluzzjoni tat-tilwima li hija adita biha tiddependi, essenzjalment, fuq il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 24(1) taż-ZVPot huwiex konformi mal-kliem u mal-ġħanijiet tad-Direttiva 93/13. B'mod iktar konkret, din il-qorti tixtieq tkun taf jekk l-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jistax jiġi traspost fid-dritt nazzjonali b'tali mod li l-kundizzjonijiet ta' "buona fede" u ta' "żbilanç sinifikanti" jkunu distinti u indipendenti waħda mill-oħra, b'tali mod li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża li hija adita biha, hija ma għandhiex bżonn teżamina jekk il-konvenuta fil-kawża prinċipali aġixxietx in *bona fide*.
- 14 Il-qorti tar-rinviju tqis li mill-qari flimkien tal-premessi 12 u 16 tad-Direttiva 93/13 kif ukoll tal-Artikoli 8 u 8a tagħha jirriżulta li l-Istati Membri jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet li jiżguraw livell ogħla ta' protezzjoni tal-konsumaturi minn dak iggarantit minn din id-direttiva u li, f'dan il-każ, tali dispożizzjonijiet għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni. Issa, fil-fehma tagħha, id-dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 ma ġewx ikkomunikati mir-Repubblika tas-Slovenja lill-Kummissjoni.
- 15 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tindika li l-ebda interpretazzjoni ċara tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13, li abbażi tagħha hija tista' tiddeċiedi jekk l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni rilevanti tad-dritt nazzjonali hijiex konformi mal-ġħanijiet ta' din id-direttiva, ma tirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-qorti tar-rinviju tindika, barra minn hekk, li minn diversi deċiżjonijiet tal-Vrhovno sodišče (il-Qorti Suprema, is-Slovenja) jirriżulta li ż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 għandhom jinqraw bħala kumulattivi, fatt li jmur kontra l-interessi tal-konsumatur u joffri protezzjoni tiegħu inferjuri għal dik iggarantita mid-dritt nazzjonali. Il-qorti tar-rinviju tqis li tali pożizzjoni ma hijiex konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li, filwaqt li tawtorizza lill-qrati supremi nazzjonali jiddefinixxu b'mod iktar preċiż il-kriterji li l-Qorti tal-Ġustizzja stess iddefinixxiet, ma tippermettilhomx li jipprekludu lill-qrati inferjuri milli jiggantixxu lill-konsumaturi l-effett sħiħ tad-Direttiva 93/13 kif ukoll rimedju ġudizzjarju effettiv sabiex jiddefendu d-drittijiet tagħhom.

- 16 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Višje sodišče v Mariboru (il-Qorti tal-Appell ta' Maribor) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva [93/13], moqri flimkien mal-Artikoli 8 u 8a tal-imsemmija direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix dispożizzjonijiet ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet tal-'buona fede' u tal-'[i]żbilanċ sinifikanti' bħala alternattivi (kundizzjonijiet distinti, awtonomi u indipendenti waħda mill-oħra) b'tali mod li sabiex jiġi deċiż il-karatru ingħust ta' klawżola kuntrattwali huwa biżżejjed li jkunu jeżistu fatti determinanti li jirriżultaw minn waħda biss minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet?"

### Fuq id-domanda preliminari

- 17 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinvju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13 għandhomx jiġi interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li tiġi kkonstatata n-natura ingħusta ta' klawżola kuntrattwali meta toħloq, għad-detriment tal-konsumatur, żbilanċ sinifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligli tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt, mingħajr madankollu ma twettaq l-eżami, f'tali każ, tar-rekwiżit ta' "*bona fide*", fis-sens ta' dan l-Artikolu 3(1).

- 18 Għandu jiġi ppreċiżat qabelxejn li d-Direttiva 93/13 tobbiga lill-Istati Membri jipprevedu mekkaniżmu li jiżgura li kull klawżola kuntrattwali li ma ġietx innegozjata b'mod individwali tista' tiġi mistħarrġa sabiex tiġi evalwata n-natura possibilment ingħusta tagħha. F'dan il-kuntest, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13, jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi proprii tal-każ inkwistjoni, tali klawżola tissodisfax ir-rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' ekwilibriju u ta' trasparenza stabbiliti minn din id-direttiva (sentenza tas-7 ta' Novembru 2019, Profi Credit Polska, EU:C:2019:930, C-419/18 u C-483/18, punt 53 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

- 19 Skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 klawżola kuntrattwali konkluża bejn konsumatur u bejjieġħ jew fornitur li ma tkunx ġiet innegozjata individwalment għandha titqies ingħusta jekk, minkejja r-rekwiżit ta' *bona fide*, hija tikkawża żbilanċ sinifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligli tal-partijiet li joħorġu minn dan il-kuntratt, għad-detriment tal-konsumatur.

- 20 Filwaqt li jirreferi għall-kunċetti ta' "*bona fide*" u ta' "żbilanċ sinifikattiv" għad-detriment tal-konsumatur bejn id-drittijiet u l-obbligli tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 madankollu jiddefinixxi biss b'mod astratt l-elementi li jagħtu natura ingħusta lil klawżola kuntrattwali li ma kinitx is-suġġett ta' negozjati individwali (sentenza tas-27 ta' Jannar 2021, Dexia Nederland, C-229/19 u C-289/19, EU:C:2021:68, punt 47 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

- 21 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex jiġi ddeterminat jekk klawżola toħloqx, għad-detriment tal-konsumatur, "żbilanċ sinifikattiv" bejn id-drittijiet u l-obbligli tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt, għandhom b'mod partikolari jittieħdu inkunsiderazzjoni r-regoli applikabbi fid-dritt nazzjonali fl-assenza ta' qbil f'dan is-sens bejn il-partijiet. Huwa permezz ta' tali analiżi komparattiva li l-qorti nazzjonali tkun tista' tevalwa jekk, u, jekk dan ikun il-każ, sa fejn, il-kuntratt iqiegħed lill-konsumatur f'sitwazzjoni legali inqas favorevoli meta mqabbla ma' dik prevista fid-dritt nazzjonali fis-seħħ. Bl-istess mod, għal dan il-ġħażżeen, jidher rilevanti li jitwettaq eżami tas-sitwazzjoni legali li fiha jinsab dan il-konsumatur fid-dawl tal-mezzi li jkollu

għad-dispożizzjoni tiegħi, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, sabiex iwaqqaf l-użu ta' klawżoli inġusti (sentenza tas-27 ta' Jannar 2021, Dexia Nederland, C-229/19 u C-289/19, EU:C:2021:68, punt 48 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

- 22 Barra minn hekk, l-eżami tal-eżistenza ta' eventwali “żbilanċ sinjifikattiv” ma jistax ikun limitat għal evalwazzjoni ekonomika ta' natura kwantitattiva, ibbażata fuq paragun bejn l-ammont totali tat-tranżazzjoni li hija s-suġġett tal-kuntratt, minn naħa, u l-ispejjeż li għalihom huwa responsabbli l-konsumatur skont din il-klawżola, min-naħħa l-oħra. Fil-fatt, żbilanċ sinjifikattiv jiġi jista' jirriżulta mis-sempliċi fatt ta' preġudizzju suffiċjentement serju għas-sitwazzjoni legali li fiha jinsab il-konsumatur, bħala parti fil-kuntratt ikkonċernat, bis-saħħha tad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli, kemm jekk fil-forma ta' restrizzjoni għall-kontenut tad-drittijiet li, skont dawn id-dispożizzjonijiet, huwa jislet minn dan il-kuntratt kif ukoll jekk fil-forma ta' ostakolu għall-eżerċizzju tagħhom jew inkella tal-impożizzjoni fuqu ta' obbligu addizzjonal, li ma huwiex previst mir-regoli nazzjonali (sentenza tas-27 ta' Jannar 2021, Dexia Nederland, C-229/19 u C-289/19, EU:C:2021:68, punt 49 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 23 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk ir-rekwiżit ta' “*bona fide*”, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13, huwiex osservat, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, fid-dawl tal-premessa 16 ta' din id-direttiva, il-qorti nazzjonali għandha tivverifika għal dan il-għan jekk il-bejjiegħ jew il-fornitur, billi jittratta b'mod leali u ġust mal-konsumatur, setax raġonevolment jištenna li dan tal-aħħar jaċċetta l-klawżola inkwistjoni wara negozjati individwali (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Kiss u CIB Bank, C-621/17, EU:C:2019:820, punt 50, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 24 Għalhekk, kif jirriżulta mill-premessa 16 ta' din id-direttiva, ir-rekwiżit ta' “*bona fide*”, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13, huwa element li jippermetti li jiġi vverifikat jekk il-bejjiegħ jew il-fornitur ittrattax b'mod leali u ġust mal-konsumatur, li tiegħi għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-interessi leġittimi. Jirriżulta wkoll minn din il-premessa li, fl-evalwazzjoni tal-*bona fide*, għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-saħħha tal-pożizzjonijiet ta' negozjar rispettivi tal-partijiet, għall-kwistjoni dwar jekk il-konsumatur ikun ġie mħeġġegħ bi kwalunkwe mezz biex jaqbel mat-terminu, kif ukoll jekk il-merkanzija jew is-servizzi nbiegħu jew ġew ipprovduti fuq ordni specjalji tal-konsumatur.
- 25 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja digħi ppreċiżat li l-kunċett ta' “*bona fide*” huwa inerenti għall-eżami tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali (digriet tas-17 ta' Novembru 2021, Unión de Créditos Inmobiliarios, C-79/21, mhux ippubblikat, EU:C:2021:945, punt 38).
- 26 Konsegwentement, hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża kkonċernata, fl-ewwel lok, in-nuqqas ta' osservanza possibbli tar-rekwiżit ta' *bona fide* u, fit-tieni lok, l-eżistenza ta' eventwali żbilanċ sinjifikattiv għad-detriment tal-konsumatur, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Kiss u CIB Bank, C-621/17, EU:C:2019:820, punt 49 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li ż-żewġ elementi msemmija fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 jeżiġu, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża kkonċernata, evalwazzjoni mill-qorti nazzjonali fid-dawl tal-kriterji li huma speċifiċi għalihom, sabiex jiġi ddeterminat, sussegwentement, jekk il-klawżola inkwistjoni hijiex ta' natura inġusta, filwaqt li jiġi ppreċiżat li l-evalwazzjoni ta' dawn l-elementi abbażi ta' dawn il-kriterji ma teskludix li teżisti rabta bejniethom.

- 28 Għalhekk, in-natura trasparenti ta' klawżola kuntrattwali, kif meħtieġ fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13, tikkostitwixxi wieħed mill-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' din il-klawżola li hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħmel abbażi tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, BNP Paribas Personal Finance, C-609/19, EU:C:2021:469, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 29 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinvju tistaqsi, essenzjalment, jekk hija tistax, skont il-leġiżlazzjoni Slovēna, tiddeċiedi dwar it-tilwima fil-kawża prinċipali mingħajr ma teżamina l-kwistjoni dwar jekk il-bejjiegħ jew il-fornitur aġixxiex in *bona fide*. Għalhekk tqum il-kwistjoni dwar jekk l-eżiżenza, għad-detrimment tal-konsumatur, ta' żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt tistax tkun suffiċċenti, fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni, sabiex tiġi stabbilita n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali.
- 30 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, qabel kollox, li skont il-premessa 12 tad-Direttiva 93/13, din tipproċedi biss għal armonizzazzjoni parżjali u minima tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar il-klawżoli inġusti, filwaqt li tħalli lill-Istati Membri l-possibbiltà, fl-osservanza tat-Trattat FUE, li jiżguraw livell ta' protezzjoni oħla għall-konsumatur permezz ta' dispożizzjonijiet nazzjonali iktar stretti minn dawk ta' din id-direttiva. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 8 tal-imsemmija direttiva, l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu, fil-qasam irregolat minnhom, dispożizzjonijiet iktar stretti, kompatibbli ma' dan it-Trattat, sabiex jiżguraw livell ta' protezzjoni oħla għall-konsumatur (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Trapeza Peiraios, C-243/20, EU:C:2021:1045, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 31 Sussegwentement, għandu jitfakkar li d-Direttiva 93/13 hija trasposta fl-ordinament ġuridiku Sloven miż-ZVPot. Għalhekk, l-Artikolu 24(1) taż-ZVPot jipprevedi erba' każijiet, konnessi bil-konġunzjoni “jew”, li fihom klawżola kuntrattwali titqies li hija inġusta. Fost dawn il-każijiet, hemm dak tal-ħolqien tal-klawżola kuntrattwali, għad-detrimment tal-konsumatur, ta' żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt (l-ewwel inċiż) u dak tal-ksur permezz tal-klawżola kuntrattwali tal-prinċipju ta' *bona fide* u ta' lealtà (ir-raba' inċiż).
- 32 F'dan il-kuntest, fid-dawl tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Sloven dwar il-kunċett ta' “prinċipju ta' *bona fide* u ta' lealtà”, għandu jiġi enfasizzat li, konformément ma' ġurisprudenza stabbilita, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tieħu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tat-tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn din tal-ħolħar u l-qrati nazzjonali, il-kuntest fattwali u leġiżlattiv li fih jaqgħu d-domandi preliminari, kif iddefinit mid-deċiżjoni tar-rinvju, b'tali mod li l-eżami ta' rinvju għal-deċiżjoni preliminari ma jistax isir fid-dawl tal-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali invokata mill-gvern ta' Stat Membru jew minn parti fil-kawża prinċipali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' April 2021, État belge (Elementi sussegwenti għad-deċiżjoni ta' trasferiment) C-194/19, EU:C:2021:270, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 33 Barra minn hekk, kif tfakkar fil-punti 23 u 24 ta' din is-sentenza, ir-rekwiżit ta' “*bona fide*”, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13, għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-premessa 16 ta' din id-direttiva.
- 34 Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13, l-Istati Membri huma liberi, bħala prinċipju, li jestendu l-protezzjoni prevista fl-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Lovasné Tóth, C-34/18, EU:C:2019:764, punt 47), sakemm

il-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata tiżgura livell ta' protezzjoni oħħla lill-konsumaturi u ma tippregħidikax id-dispożizzjonijiet tat-Trattati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Condominio di Milano, via Meda, C-329/19, EU:C:2020:263, punt 37).

- 35 Issa, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, issegwi l-għan ta' protezzjoni tal-konsumaturi għarġi mid-Direttiva 93/13. Barra minn hekk, hija tista' tiżgura lill-konsumaturi, konformement mal-Artikolu 8 tad-direttiva, livell ta' protezzjoni effettiva oħħla minn dak stabbilit minnha, li hija madankollu l-qorti tar-rinvju li għandha tivverifika, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-ġurisprudenza nazzjonali fil-qasam.
- 36 Barra minn hekk, fid-dawl tad-domandi tal-qorti tar-rinvju, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni indikat fl-osservazzjonijiet tagħha ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja li l-awtoritajiet Sloveni kienu informawha bir-regoli rilevanti, dwar il-kriterji u l-modalitajiet ta' evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali, konformement ma' dak li jipprevedi l-Artikolu 8a tad-Direttiva 93/13, b'tali mod li din id-dispożizzjoni ma tistax, f'dan il-każ, ikollha effett fuq l-interpretazzjoni mitluba.
- 37 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li tiġi kkonstatata n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali meta din toħloq, għad-detriment tal-konsumatur, żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt, mingħajr madankollu ma jitwettaq l-eżami, f'tali każ, tar-rekwiżit ta' *"bona fide"*, fis-sens ta' dan l-Artikolu 3(1).

### Fuq l-ispejjeż

- 38 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinvju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur,**

**għandhom jiġu interpretati fis-sens li:**

**ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li tiġi kkonstatata n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali meta din toħloq, għad-detriment tal-konsumatur, żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt, mingħajr madankollu ma jitwettaq l-eżami, f'tali każ, tar-rekwiżit ta' *"bona fide"*, fis-sens ta' dan l-Artikolu 3(1).**

Firem